MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

Il-Ħamis, 22 ta' Ġunju, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-09:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Franco Buhagiar – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 27.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

27.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 27.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

27.2.1 Is-Sindku qal li tkun idea tajba li kieku bħala rikonoxximent nagħtu xi ħaġa żgħira lil Lara u Martina tal-Young Enterprise. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir bħala parti mill-Festival San Lawrenz li jsir qabel il-Festa.

27.2.2 F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet posposta għaliex daħal is-Sur Victor Xerri, *Head* tal-Community Work Scheme f'Għawdex sabiex niddiskutu l-ħaddiema tal-CWS fil-Kunsill. Il-ħin kien id-09:40am.

27.2.3 Il-laqgħa tkompliet fl-10:00am.

27.2.4 Is-Sindku qal li tkellem mal-Kumitat tal-Festa u qalilhom li l-Kunsill ma jistax jilqa' t-talba tagħhom li jitħallas l-arblu li talbu għalih. Qalilhom ukoll li dan se jkun jiswa ħafna flus u preżentament il-Kunsill m'huwiex f'qagħda finanzjarja tajba u ma jistgħux jingħataw donazzjonijiet. Sar qbil li tinxtara l-bandiera għall-arblu dment li l-prezz ma jaqbiżx l-ammont ta' €400.00 jew titħallas parti mill-ispiża direttament mill-Kunsill.

27.2.5 Is-Sindku ppropona li għal dan is-sajf nagħmlu transport lejn bajjiet differenti t'Għawdex. Sar qbil li nitolbu ħlas minn qabel ta' €25.00 kull persuna għal għaxar ħargiet u jridu jinġabru mill-inqas għaxar min nies, ġie deċiż li għandhom jiġu nfurmati n-nies.

27.2.6 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv (SE) u l-Kap tal-iskola s-Sur Tabone, kellhom laqgħa fuq it-talba tal-istess Sur Tabone. Is-Sur Tabone qalilhom li l-Prinċipal tal-Iskejjel t'Għawdex ipproponiet li sabiex ikun hawn iktar sigurta' fl-iskola, ikun aħjar li kieku inbiddlu l-uffiċini tal-Kunsill ma dawk l-uffiċini użati mill-Kap tal-Iskola, l-iskrivan u l-kamra tal-Purtinari.

Is-Sindku qal li hu jaqbel li l-iskola tkun iktar sigura', pero iridu nieħdu inkonsiderazzjoni l-ispejjeż li għadna kif dħalna fihom sabiex nirranġaw l-uffiċini, apparti spejjeż oħrajn li jinqalgħu meta nkunu qed nagħmlu l-bidla, is-Sindku semma wkoll li rridu noqgħodu attenti li ma nitilfux mill-ispazju li għandna. Is-Sur Tabone qal li se jwassal dawn is-suġġerimenti lil Prinċipal u jerġa jkellemna.

27.2.7 Is-Sindku qal li għall-ġurnata tal-Quddiesa Solenni ta' Dun Michael Grima, ikun ġest sabiħ li bħala Kunsill nieħdu ħsieb li dakinhar imur kollox sew f'sens ta' traffic

management. Sar qbil li nibbukjaw warden sabiex jidderiġi t-traffic, nieħdu ħsieb li jkun hemm mobile toilets u bins mill-Public Cleansing Department. Issuġerixxa wkoll li dak inhar li l-Kunsill jagħti tifkira lil dawk li ggradwaw ma ninsewx lil dan is-saċerdot li ggradwa wkoll.

27.2.8 Is-SE qalet li irċivejna emejl mingħand id-Dipartiment illi rigward Circ 9/2017 tal-Attivitajiet Kulturali 2017, l-applikazzjoni tal-Festival ġiet aċċetta iżda il-Pagaent u Swejjaq ma ġewx aċċettati.

27.2.9 Is-SE qalet li irċivejna ittra mingħand il-LESA sabiex jinfurmawna li daħlu l-kontribuzzjoni tagħna. Is-SE qalet li dawn il-flus jistgħu jintużaw fi proġetti tal-lokalita' fejn jigwadanjaw ir-residenti.

27.2.10 Is-SE qalet li irċivejna emejl mingħand il-Kunsill Lokali ta' Kerċem sabiex il-Kunsill tagħna jagħmel patching fit-Triq l-Għadiera li tagħti għall-barrieri. Sar qbil li nsaqsuhom għall-liema parti eżatt qed jitolbu billi jibagħatulna site plan.

## 27.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

27.3.1 Il-Kunsillier Buhagiar qal li reġa kellu korrispondenza mas-Sur Mario Fava fejn saħansitra infurmaħ li fil-Programm Elettorali jinsab il-proġett tal-Housing f'San Lawrenz. Is-Sindku qal li bħala Kunsill fid-dmir tagħna li noqgħodu attenti x'tip se Housing qed jiġi ppropont biex ma jkunx tip ta' "social" housing (familji bil-problemi biss) imma li jkun tip ta' housing biex jiżdiedu l-familji fir-raħal l-istess tip li kienu ingħataw fiz-zona tal-housing ta' Bieb il-Għar.

27.3.2 Il- Kunsillier Grima talbet jekk kienx hemm korrispondenza sabiex tinfetaħ parti minn Triq Wied il-Merill. Is-SE qalet li ma kienx hemm pero se tibgħat reminder ieħor.

## 27.4 Tindif tar-Raħal fil-Ġranet tal-Festa

27.4.1 Is-Sindku ippropona li għat-tindif tal-Festa bħas-soltu ngħidu lil Kumitat tal-Football u nordnaw il-bins mingħand il-Public Cleansing bħas-snin l-oħrajn. Il-Kunsill qabel. Ġie deċiż ukoll li mal-ġranet tal-festa tas-soltu tiżdied dik ta' wara r-reception li ser isir fil-pjazza dakinhar tal-Quddiesa Solenni ta' Dun Michael.

## 27.5 Il-Festa

27.5.1 Is-Sindku qal li rigward il-permessi tal-*hawkers* jipproponi li nħallu kollox bħas-sena l-oħra. Hu qal li għandna nibagħatu lil Pulizija għall-no objection u nimxi kollox bħas-soltu. Il-Kunsill qabel.

27.5.2 Is-Sindku qal li tkun idea tajba li l-*mobile toilets* ikunu hemm mit-Tnejn sal-Ħadd u nordnaw tnejn. Qal ukoll li tkun idea tajba li nagħmlu tabelli sabiex nuri fejn jinsabu t-toilets. Il-Kunsill qabel. Ġie deċiż ukoll li mal-ġranet tal-festa tas-soltu tiżdied dik ta' dakinhar tal-Quddiesa Solenni ta' Dun Michael.

## 27.6 Il-Bring in Sites

27.6.1 Saret diskussjoni fuq ir-rapporti li l-operatur tal-*open skip* qed jitlaq kmieni wisq bil-possibilita' li dan ikun għadu mhux mimli. Il-Kunsill qabel li għall-offerta' li jmiss nistipulaw li mal-kont li jintbgħat irid ikollna evidenza fotografika (bid-data u l-ħin) tal-iskip mimli qabel ma jitlaq mill-post.

## 27.7 Laqgħa mal-Ministru għall-Għawdex

27.7.1 Is-Sindku ippropona li nibgħatu ittra lil Ministru Justyne Caruana sabiex nifirħulha tal-pożizzjoni ġdida u nitolbu laqgħa magħha. Saret diskussjoni u wara sar qbil li nibgħatu lill-kanditati eletti kollha.

## 27.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

27.8.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 27.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:00 u ġiet aġġornata għall-3 ta' Awissu 2017 fl-09:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv